MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 390/2012

**Blokrete Limited (C 263)**

**vs**

**PSV Turnkey Contractors Limited (33758)**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghal-hlas ta’ €8840.22 (tmien t’elef, tmien mija u erbghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu) rapprezentanti diversi fatturi skont rendikont hawn anness u mmarkat Dok A, ghal diversi merkanzija u servizzi provduti lis-socjeta’ konvenuta, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u imghax legali inkluz dak tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz.

Wara li rat l-anness dokument immarkat Dok A a fol 12 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b’hekk l-istess ammont u spejjez jigu ppruvati (Artikoli 698 u 702 (3) (b) Procedura Civili)

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma deheritx fl-14 ta’ Jannar 2013 meta gew pprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €8840.22 (tmien t’elef, tmien mija u erbghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu) bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta’ Frar 2012 a scaletta skont l-imsemmi dokument immarkat Dok A a fol 2 tal-atti li ghandu jifforma parti ntegrali ta’ din is-sentenza, sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tal-15 ta’ Novembru 2012.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------